# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 61

Il-Ħamis 23 ta' Marzu 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 23 ta' Marzu 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

61.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi nforma lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet ta' xogħol barra minn Malta. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

61.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 60 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

61.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

61.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

61.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li saret l-inawgurazzjoni uffiċċjali tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja, flimkien mal-Ministeru ġie deċiż li ssir serata li ssegwi dan il-ftuħ fejn jiġu mistiedna r-residenti tal-Munxar nhar l-1 t'April 2023 fit-8.00 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

61.3.2 Is-Sindku stqarr li ż-żjara ta' kortesija mill-President tal-Parlament Ewropew Dr Roberta Metsola fil-presenza tar-residenti tal-komunita' kienet waħda sabiħa ferm u ta' unur għar-raħal tal-Munxar.

61.3.3 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri informa lill-membri li wara diversi laqgħat u komunikazzjoni ma' HSBC Bank Malta PLC, intlaħaq ftehim sabiex HSBC Bank Malta PLC jiffinanzjaw €5,000 sabiex jiġi nstallat

*victorian clock* fil-bajja tax-Xlendi. Se jkun hemm xi differenza fl-ispiża li ser tkun qed tiġi koperta mill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

61.3.4 Is-Sindku ppropona sabiex jiġu nstallati *floodlights* temporanji fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi minħabba li d-dwal dekorattiv ta' din it-triq kellu jintefa peress li ser jitwaqqa' l-post li miegħu kien hemm imwaħħla l-kaxxa tad-distribuzzjoni tal-provvista tad-dawl għalihom. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

61.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-*waste depot* li ġie nstallat fi Pjazza Anfori fix-Xlendi ser jiġi rilokat minħabba problema fil-provvista tad-dawl kif ukoll minħabba diversi lmenti li l-Kunsill irċieva peress li kienu ser ikunu viċin wisq tal-*boathouses*. Ser jiġi ffirmat *addendum* tal-MOU mal-Ministeru tal-Ambjent għall-estensjoni tal-proġett. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

61.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li ser jinħareġ avviż lir-residenti tal-Munxar u x-Xlendi b'informazzjoni fuq il-kors li ser jiġi offrut mill-Kunsill, fuq il-ħarġa għall-Malta kif ukoll bid-data tal-laqgħa annwali li ser tiġi skedata aktar 'il quddiem waqt din il-laqgħa.

61.3.7 Is-Sindku għarraf ukoll li bħalissa għaddej ix-xogħol ta' manutenzjoni fl-*islipway* u l-moll tal-bajja tax-Xlendi.

## 61.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

61.4.1 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-iskart fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li l-kuntratt reġjonali tal-ġbir tal-iskart jistipula li l-kollettur huwa obbligat li jiġbor l-iskart minn quddiem ir-residenzi biss. Qed isiru diskussjoni sabiex f'dan il-kuntratt reġjonali japplikaw xi varjazzjonijiet sabiex il-kollettur jiġbor anke f'postijiet pubbliċi bħalma hija Pjazza Anfori. Sadanittant, is-Sindku spjega li bil-għajnuna tad-Dipartiment tal-*Cleansing* fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex, dan l-iskart li qed jinġema fi Pjazza Anfori ser ikun qed jinġabar minnhom skont l-iskeda tal-ġbir tal-iskart.

## 61.5 Proġetti fil-Lokalita';

61.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li għaddej ix-xogħol minn Heritage Malta fit-Torri tax-Xlendi fejn ġew installati CCTV cameras u fil-jiem li ġejjin ser jitwaħħlu l-information boards ukoll. Is-Sindku għarraf li l-inawgurazzjoni uffiċċjali ta' dan il-proġett ser issir nhar il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2023 liema data ser tiġi kkonfermata aktar 'il quddiem.

61.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-proġett ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina jinsab fi stadju finali. Ir-*railings* li saru permezz ta' *CNC cutting* tlestew u l-Kunsill ser iqabbad lil xi ħadd sabiex isir xogħol ta' żebgħa fuqhom biex eventwalment jibqa biss ir-*railings* ta' ħdejn il-*playhouse* u l-*outdoor gym*. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

61.5.3 Il-proġetti tal-ħitan tas-sejjieħ jinsabu kompluti għajr xi verifiki mill-aġenzija tal-pagamenti tal-fondi ewropej.

61.5.4 Il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Knisja jinsab konkluż ukoll għajr xi proċessi finali amministrattivi.

61.5.5 Dwar il-proġett ta' Triq L-Isqawi ko-finanzjat minn fondi ewropej ser isir l-aħħar avveniment skedat nhar it-28 t'April 2023. Ser tiġi sottomessa l-aħħar talba għal xi aġġustamenti fil-line items tal-proġett inkluż dawk tal-avveniment, kif ukoll qed isiru diversi laqgħat mal-imsieħba fil-proġett biex ikollna l-aqwa riżultati waqt l-avveniment. Huwa maħsub li f'dik il-ġimgħa ta' qabel l-avveniment issir l-inawgurazzjoni uffiċċjali ta' dan il-proġett.

## 61.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

61.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika li fiha jiġu ppreżentati r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 4 t'April 2023 fil-5.15 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'.

## 61.7 Il-Festa ta' San Pawl Nawfragu 2023;

61.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie mistieden għal-laqgħa mal-Kappillan il-Kanonku Anton Refalo Rapa biex jiġi diskuss il-programm tal-Festa ta' San Pawl Nawfragu għal din is-sena.

61.7.2 Wara din il-laqgħa, is-Sindku ppropona lill-membri tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jikkollabora u jorganizza dawn l-attivitajiet soċjo-kulturali fiż-żmien ta' qabel il-festa:
L-attivita' sportiva li ssir kull sena b'kollaborazzjoni ma' Munxar Falcons FC; 'Festa tat-Tfal' bis-sehem ta' banda lokali; serata ta' talent lokali fil-Pjazza tal-Knisja; attivita' mużikali bis-sehem ta' 'Cash and Band'; feature awdjo viżiv ħdejn iċ-Ċentru Parrokjali.
Kien hemm qbil unanimu mill-membri tal-Kunsill fuq dawn il-proposti mressqa mis-Sindku.

61.7.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li waqt il-laqgħa li kellu mal-Kappillan huwa talab lill-Kunsill jekk isibx oġġezzjoni sabiex isiru l-attivitajiet marbuta mal-festa kif ukoll sabiex jinħaraq logħob tan-nar fil-jiem tal-festa. Il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm ikun hemm il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

## 61.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

61.8.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza b'talba għall-kumpens mingħand il-kuntrattur tax-xogħlijiet li saru fi Pjazza tal-Knisja kif ukoll fi Triq l-Isqawi b'rabta maċ-ċirkulari maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din it-talba tiġi vverifikata mit-tekniċi mqabbda mill-Kunsill li kienu nvoluti fil-proġett, kif ukoll issir laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll mad-Direttur tal-Gvern Lokali responsabbli sabiex jiġi kkonfermat mil-liema fond ser jinħareġ dan il-kumpens kif elenkat fiċ-ċirkulari msemmija.

61.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar permess għall-attivita' b'rabta ma' ċerimonja ta' tieġ fl-inħawi tas-Sanap. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jitlob għal aktar dettalji dwar l-attivita'.

61.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand rappreżentant tal-Għaqda tan-Nar Għajn Tuta b'informazzjoni dwar l-għeluq tat-Triq ix-Xlendi fejn it-traffiku jiġi devjat għal Triq il-Munxar nhar is-7 ta' Lulju 2023 bejn id-9.00pm u l-10.00pm. Dan minħabba ħruq tan-nar tal-ajru fil-jiem tal-festa ta' Kerċem. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dwar dan sakemm ikun hemm il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

61.8.4 Il-Kunsill irċieva proposta sabiex il-Kunsill bil-kollaborazzjoni ta' JP2 Foundation jorganizza kunċert fil-Knisja kif ukoll fi Pjazza tal-Knisja nhar it-22 ta' Mejju 2023. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan sakemm l-ispiża ma taqbisx l-ammont mitlub.

61.8.5 Ċirkulari SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024. Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema biex għal sena oħra, fl-2024, itella' it-tielet edizzjoni tal-'Fireworks and Gastronomy Festival' fi Triq L-Isqawi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

61.8.6 Ċirkulari SPI/SCI/02/2023 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut minħabba li fil-lokalita' m'hawnx librerija pubblika.

61.8.7 Ċirkulari SPI/SCI/03/2023 – Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser ikun qed japplika għal din l-iskema bħas-sena l-oħra.

61.8.8 Ċirkulari SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja: Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. Il-Kunsill innota l-kontenut u se jkun qed jiltaqa' mal-Ispettur fi ħdan il-Pulizija tal-Komunita' dwar is-suġġett.

61.8.9 Ċirkulari SPI/SCI/05/2023 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill innota l-kontenut u se jkun qed jagħmel analiżi dwar liema proġetti jistgħu jikkwalifikaw taħt din l-iskema.

61.8.10 Ċirkulari DLG numru 04/2023 – Proġett ta' School Grannies. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.11 Ċirkulari DLG numru 05/2023 – Linji Gwida dwar il-proċessi ta' Ħlas u Rimbors għas-Servizz ta' Ġbir tal-Iskart. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.12 Ċirkulari DLG numru 06/2023 – Kjarifika rigward permessi mogħtija mill-Kunsilli Lokali taħt ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jinħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali (Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04). Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.13 National STEM Community Fund 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.14 Social Determinants of Health Information Sessions. Il-Kunsill innota l-kontenut.

68.8.15 Il-Kunsill irċieva konferma mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li rċieva l-istqarrijiet finanzjarji tas-sena 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.16 PQ 7002 – Xiri u Żviluppi ta' Proprjeta fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

61.8.17 PQ 5976 – Servizzi tal-Kunsilli Lokali fil-Qasam tal-Anzjani matul l-2022. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

61.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2023/016 – Times of Malta business breakfast: Introduction to ESG. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.19 Ċirkulari Nru AKL 2023/020 – Meetings and Minute Taking Course 09/03/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2023/021 – European Green Capital Award (Help us Spread the Word). Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.21 Ċirkulari Nru AKL 2023/022 – LESA LES Penalty Points Declaration Forms. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.22 Ċirkulari Nru AKL 2023/023 – Times of Malta ESG Business Event by PKF Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.23 Ċirkulari Nru AKL 2023/024 – Taħriġ: Keeping Minutes without loosing hours. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.8.24 Ilment 09/2023
Tissuġġerixxi sabiex tiġi nstallata mera tat-traffiku fi Triq Tarsus k/ma Triq Damasku fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Titlob sabiex tiġi nstallata bozza ma' arblu li hemm preżentament fi
61.8.25 Triq Ta' Rinota fil-Munxar. Is-Sindku wieġeb li din it-talba diġa' kienet ressqet quddiem Enemalta PLC li kienu sabu oġġezzjoni minħabba li dan l-arblu ser jinqala' fil-futur u eventwalment l-bozza tista' ssir mal-faċċata tal-binja li qed tinbena.

61.8.26 Ilment 10/2023
Jitlob permess mill-Kunsill sabiex jagħmel riċerka dwar il-farfett il-lejl li hemm preżenti fil-mitħna sotterranja fix-Xlendi. Dan billi jinstalla detectors apposta li jaħdmu bil-batterija għal erba' ġimgħat. Il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

## 61.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

61.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 61/2022-8 għall-perjodu bejn it-23 ta' Frar 2023 u t-23 ta' Marzu 2023 li tammonta għal €446,435.74 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Mark Busuttil kien il-proponent filwaqt li l-Viċi Sindku Carmela Parnis is-sekondant.

## 61.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

61.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 t'April 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tlieta 25 t'April 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |